**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 124/21/F

**Sylvia Agius**

**vs**

**Borvin Holdings Limited**

Illum, 4 ta' Jannar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-26 ta' Lulju 2021;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fl-24 ta' Diċembru 2020;

Ra li minkejja li l-azjenda intimata ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smiegħ nhar it-22 ta' Settembru 2021 f'idejn ċertu "Colin Borg", hija naqset milli tippreżenta Risposta u milli tidher fl-udjenza;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha kif emendata waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' €2,500.

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti spjegat li hija kienet ordnat għadd ta' aperturi mingħand l-azjenda intimata. Iċċarat li l-ilment tagħha jiċċentra mal-fatt li x-xogħol kollu ta' ħġieġ ma sarx kif kien miftiehem u li l-aperturi kollha ma jagħlqux sewwa u jagħmlu l-ilma.

Illi r-Rikorrenti ressqet ukoll bħala xhud lil Gino Axisa, ġar tagħha, li stqarr li qabel ma sar ix-xogħol mill-azjenda intimata, il-ħġieġ tal-appartament tar-Rikorrneti kien bħal tal-kumplament tal-blokka, izda wara li ġew mibdula l-aperturi, il-ħġieġ li twaħħal huwa ċar u ma jaqbilx mal-kumplament ma dak tal-kumplament tal-

appatamenti. Spjega ulterjorment li fis-27 ta' Novembru 2021 huwa kien akkompanja lir-Rikorrenti fl-appartament tagħha minħabba li kien daħal ħafna ilma mit-twieqi u kkonferma li huwa ra dan b'għajnejh stess.

Illi mill-verbal tal-udjenza tas-16 ta' Mejju 2022, jirriżulta li r-rappreżentant legali tar-Rikorrenti iddikjara li hija primarjament qiegħda titlob ir-ripristinu tal-aperturi sabiex dawn jiġu in konformità ma dak miftiehem, iżda f'każ lli dan ma jkunx jista' jsir, għandu jkun hemm "rifużjoni monetarja" fl-ammont ta' €2,500.00, li huwa l-ammont avvanzat mir-Rikorrenti lill-azjenda intimata s'issa.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħha bħala Konsumatur, għadd li qed jintalbu żewġ alternattivi.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi;

Illi intant, bis-silenzju tagħha, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba hekk:**

1. **Filwaqt li jiddikjara li l-aperturi in kwistjoni huma afflitti minn nuqqas ta' konformità kif ukoll difetti, jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn minn notifika lilha ta' din is-sentenza, tibdel kompletament a spejjeż tagħha il-aperturi kollha;**

2. **Fin-nuqqas li jsir dak ordnat fiż-żmien hawn prefiss, l-azjenda intimata għandha tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500.00) b'dana li l-istess azjenda intimata jkollha d-dritt li tiġbor lura l-aperturi in kwistjoni wara li r-Rikorrenti tkun installat aperturi ġodda fil-fond tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu kollha a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***